**Aggravji u argumenti prinċipali**

L-ewwel aggravju huwa bbażat fuq żball ta' liġi sa fejn il-Qorti Ġenerali ma rrispettatx id-dritt tal-appellanti, sanċit fl-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, li tinstema' qabel jiġu adottati miżuri restrittivi ġodda.

It-tieni aggravju huwa bbażat fuq żball ta' liġi u fuq distorsjoni tal-fatti sa fejn il-Qorti Ġenerali ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-artikli ppreżentati mill-appellanti insostenn tar-rikors għal annullament tagħha bil-għan li turi li ma kinitx tipprovdi għajnuna lir-reġim Sirjan.

It-tielet aggravju huwa bbażat fuq żball ta' liġi sa fejn il-Qorti Ġenerali ma kkunsidratx li huma illegali l-Artikoli 27 u 28 tad-Deċiżjoni 2013/255/PESK, li jipprovdu li l-fatt li hija l-proprjetà tal-familja Al-Assad jew tal-familja Makhlouf jikkostitwixxi kriterju awtonomu li jiġġustifika l-impożizzjoni ta' sanzjoni, b'tali mod li jaqilbu l-oneru tal-prova.

---

**Appell ippreżentat fis-26 ta' Marzu 2019 minn Cham Holding Co. SA mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Il-Ħames Awla) fis-16 ta' Jannar 2019 fil-Kawża T-413/16, Cham vs Il-Kunsill**

**(Kawża C-261/19 P)**

(2019/C 187/54)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Appellanti:* Cham Holding Co. SA (rappreżentant: E. Ruchat, avocat)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet**

L-appellanti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tiddikjara l-appell ammissibbli u fondat;

— għaldaqstant, tannulla s-sentenza tas-16 ta' Jannar 2019, Cham vs Il-Kunsill, T-413/16.

Filwaqt li tiddeċiedi fuq il-mertu:

— tannulla d-Deċiżjoni (PESK) 2016/850 tas-27 ta' Mejju 2016 u l-atti sussegwenti ta' implimentazzjoni tagħha, sa fejn jikkonċernaw lill-appellanti;

— tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż tal-istanza.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

L-ewwel aggravju huwa bbażat fuq żball ta' liġi sa fejn il-Qorti Ġenerali ma rrispettatx id-dritt tal-appellanti, sanċit fl-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, li tinstema' qabel jiġu adottati miżuri restrittivi ġodda.

It-tieni aggravju huwa bbażat fuq żball ta' liġi u fuq distorsjoni tal-fatti sa fejn il-Qorti Ġenerali ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-artikli ppreżentati mill-appellanti insostenn tar-rikors għal annullament tagħha bil-għan li turi li ma kinitx tipprovdi għajnuna lir-reġim Sirjan.

It-tielet aggravju huwa bbażat fuq żball ta' liġi sa fejn il-Qorti Ġenerali ma kkunsidratx li huma illegali l-Artikoli 27 u 28 tad-Deċiżjoni 2013/255/PESK, li jipprovdu li l-fatt li hija l-proprjetà tal-familja Al-Assad jew tal-familja Makhlouf jikkostitwixxi kriterju awtonomu li jiġġustifika l-impożizzjoni ta' sanzjoni, b'tali mod li jaqilbu l-oneru tal-prova.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Polymeles Protodikeio Athinon (il-Greċja) fit-28 ta' Marzu 2019 — RM, SN vs Agrotiki Trapeza tis Ellados AE**

**(Kawża C-262/19)**

(2019/C 187/55)

*Lingwa tal-kawża: il-Grieg*

**Qorti tar-rinviju**

Polymeles Protodikeio Athinon

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* RM, SN.

*Konvenuta:* Agrotiki Trapeza tis Ellados AE

**Domandi preliminari**

1) L-Artikolu 70(1) tal-Liġi Nru 4235/2014, jaqa' taħt il-kunċett ta' għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, fejn għandu jiġi ppreċiżat li dan l-Artikolu 70(1) jipprovdi li: "Għal dak li jirrigwarda l-ipoteki jew ir-reġistrazzjoni minn qabel ta' ipoteki rreġistrati fir-reġistri tal-ipoteki rilevanti u, jekk ikun il-każ, fir-Reġistru tal-Artijiet rilevanti, favur il-bank AGROTIKI TRAPEZA TIS ELLADOS A.E. (iktar 'il quddiem il-'Bank'), attwalment imqiegħed fi stralċ speċjali, u kontra agrikolturi (persuni fiżiċi) jew agrikolturi terzi (persuni fiżiċi), li jirrigwardaw il-proprjetajiet immobbli jew l-impjanti agrikoli ta' dawn tal-aħħar, bil-għan li jiġu ggarantiti l-krediti ta' kull tip tal-Bank li jirriżultaw mis-self — bħal krediti fir-rigward tal-kapital misluf, intressi, interessi moratorji (inklużi l-interessi fuq l-interessi diġà dovuti u fuq l-interessi moratorji), kontribuzzjonijiet, infiq jew spejjeż, u ammonti oħra, hekk kif iddefiniti fil-kuntratt ta' self ikkonċernat — għall-finijiet tal-għoti minn dan il-bank ta' self għal żmien qasir u għal żmien medju lil agrikolturi (persuni fiżiċi), sabiex jiffinanzjaw esklużivament l-attività agrikola tagħhom u li jinsabu, f'sitwazzjoni ta' dewmien ta' ħlas totali jew parzjali, l-ammont tal-ħlas iggarantit mill-ipoteka jew mir-reġistrazzjoni minn qabel tal-ipoteka għandu jkun limitat għal mija u għoxrin fil-mija (120 %) tal-kapital misluf, sakemm it-total tal-krediti ta' kull tip tal-Bank li jirriżultaw mis-self ma jeċċedix (inkluż is-somom diġà mħallsa) id-doppju tal-kapital misluf inizjali u dan l-ammont għandu jkun limitat għad-doppju